MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Numru 415/2007

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Marco Muscat, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ frar, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-2 ta’ mejju, 2007, għal ħabta tas-6.50 a.m., fl-Għassa tal-Pulizija, Bormla ddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat, liema reat jaf li ma sarx, jew bil-qerq ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' lulju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------